



Brussell, 27 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15939/23

SUSTDEV 152
ONU 106
ENV 1368
DEVGEN 216
AG 153

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	27 ta' Novembru 2023
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 15484/23	
Suġġett:	L-iżvilupp tal-Aġenda 2030 biex jintlaħqu l-għanijiet: Naċċelleraw il-lokalizzazzjoni tal-SDGs - Konklużjonijiet tal-Kunsill (27 ta' Novembru 2023)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-Aġenda 2030 biex jintlaħqu l-għanijiet: Naċċelleraw il-lokalizzazzjoni tal-SDGs, kif approvati mill-Kunsill fit-3987 laqgħa tiegħu li saret fis-27 ta' Novembru 2023.

**KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL DWAR "L-IŻVILUPP TAL-AĠENDA 2030 BIEX
JINTLAĦQU L-GĦANIJIET: NAĊĊELLERAW IL-LOKALIZZAZZJONI TAL-SDGS"**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

- (1) *JAFFERMA MILL-ĠDID* li l-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Membri tagħha jibqgħu impenjati bis-sħiħ li jimplimentaw l-Aġenda 2030 u s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha b'mod komprensiv, integrat, koerenti u effettiv, bħala l-pjan ta' azzjoni kollettiv biex is-sostenibbiltà, id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri jitqiegħdu fiċ-ċentru tal-azzjonijiet ta' politika fil-livell tal-UE, filwaqt li ħadd ma jitħalla lura. *IFAKKAR* fil-konklużjonijiet preċedenti tiegħu dwar dan is-suġġett¹, il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2018², kif ukoll il-messaġġi politiċi ewlenin għall-Forum Politiku ta' Livell Għoli tan-NU dwar l-Iżvilupp Sostenibbli (HLPF) u s-Summit dwar l-SDGs tal-2023³, u *JAFFERMA MILL-ĠDID* l-impenji li jinsabu fihom.

¹ Konklużjonijiet tal-Kunsill: "Ġejjieni Ewropew sostenibbli: It-tweġiba tal-UE għall-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli" (ST 10370/17), "Lejn Unjoni dejjem aktar sostenibbli sal-2030" (ST 8286/19), "Nibnu Ewropa sostenibbli sal-2030 - Progress s'issa u l-passi li jmiss" (ST 14835/19), "Approċċ komprensiv biex titthaffef l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 tan-NU għall-iżvilupp sostenibbli – Nibnu mill-ġdid aħjar wara l-kriżi tal-COVID-19" (ST 9850/21) u "L-UE f'nofs l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030: Immexxu l-bidla trasformattiva u nħaffu l-progress fil-livelli kollha" (ST 11084/23)

² ST 13/18

³ ST 9435/23

- (2) *JIRRIKONOXXI* li, fin-nofs tal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, id-dinja għadha 'l bogħod milli tilħaq l-SDGs. B'mod partikolari, *JISSOTTOLINJA* t-tħassib tiegħu dwar l-effetti negattivi kumulattivi tal-kriżi planetarja tripla, inkluż it-tibdil fil-klima, it-tniġġis u t-telf tal-bijodiversità, il-pass dejjem aktar bil-mod tal-azzjoni klimatika, il-kriżi globali tal-ikel, ix-xokkijiet fil-prezzijiet tal-komoditajiet, u r-riskju dejjem akbar ta' faqar u inugwaljanza madwar id-dinja li jaffettwaw lil dawk l-aktar vulnerabbli, speċjalment f'pajjiżi b'sistemi ta' protezzjoni soċjali fraġli u dawk affettwati minn kunflitti emerġenti u rikorrenti. Barra minn hekk, *ITENNI* li l-iżvilupp sostenibbli ma jistax jitwettaq mingħajr il-paċi, is-sigurtà u r-rispett għad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, kif minqux fl-SDG 16. Għalhekk, *JAPPOĠĠA* l-appell tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għal impetu mġedded u azzjonijiet aċċellerati biex jintlaħqu l-SDGs u l-impenn kollettiv rifless fid-Dikjarazzjoni Politika tas-Summit tal-SDGs tal-2023, kif ukoll il-messaġġi ewlenin tar-Rapport dwar l-Iżvilupp Sostenibbli Globali tal-2023, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa għal azzjonijiet trasformattivi bbażati fuq ix-xjenza.
- (3) *JIRRIKONOXXI* li l-iżvilupp sostenibbli ser jinkiseb biss permezz ta' approċċ integrat u sistemiku tal-gvern kollu u tas-soċjetà kollha li kapaċi jiskatta azzjonijiet kollettivi u koerenti fil-livelli Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali, filwaqt li jqis l-effetti konsegwenzjali pożittivi kif ukoll negattivi. *JINNOTA* li skont l-OECD, 65 % tal-169 mira sottostanti għas-17-il SDG mhux ser jintlaħqu mingħajr l-involvement xieraq tal-gvernijiet lokali u reġjonali u l-koordinazzjoni magħhom. *IFAKKAR*, għalhekk, li l-azzjonijiet ewlenin li jappoġġjaw l-Aġenda 2030 u l-implimentazzjoni tal-SDGs jiddependu ħafna fuq il-kapaċitajiet reġjonali u lokali, l-azzjonijiet minn isfel għal fuq u l-politiki tal-iżvilupp lokali.
- (4) *JILQA'* t-tnedija tal-Koalizzjoni Local2030 tan-Nazzjonijiet Uniti f'Settembru 2021 u r-rikonoxximent tagħha fost it-12-il Inizjattiva ta' Impatt Għoli fis-Summit dwar l-SDGs fl-2023 bħala pjattaforma ta' diversi partijiet ikkonċernati mfassla biex tiffaċilita l-kooperazzjoni madwar in-NU, u biex tħaffef internazzjonalment il-lokalizzazzjoni tal-SDGs u tappoġġa l-isforzi u l-progress trasformattiv fil-livell lokali biex titwettaq l-Aġenda 2030. *JIRRIKONOXXI* r-rilevanza tal-istabbiliment ta' Segretarjat għall-Koalizzjoni Local2030 tan-NU, li jinsab f'Bilbao, li jikkontribwixxi għat-tisħiħ u l-amplifikazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u l-impatt ta' din il-pjattaforma tan-NU b'diversi partijiet ikkonċernati u f'diversi livelli għal-Lokalizzazzjoni tal-SDGs.

- (5) *IFAKKAR* fir-risoluzzjoni adottata mill-Assemblea tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Habitats fid-9 ta' Ġunju 2023 dwar il-"Lokalizzazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli", li thegħegħ lill-Istati Membri u lill-membri tal-aġenziji speċjalizzati tan-Nazzjonijiet Uniti jippromwovu l-lokalizzazzjoni tal-SDGs sabiex jaċċelleraw l-azzjoni lejn it-twettiq tal-Aġenda 2030, u li tistinka biex tavvanza l-isforzi biex jiġu żviluppati gwida normattiva u għodod prattiċi relatati mad-dimensjonijiet kollha tal-lokalizzazzjoni tal-SDGs, kif ukoll biex tinbena l-kapaċità tal-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jirrapportaw dwar il-progress permezz ta' rieżamijiet volontarji lokali u sottonazzjonali.
- (6) *JIRRIKONOXXI* r-Risoluzzjoni "L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fir-reġjuni u l-bliet tal-UE wara r-Rieżami Volontarju tal-UE u d-diskussjonijiet tan-NU tal-2023" adottata mill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni fil-157 sessjoni plenarja tiegħu⁴, kif ukoll l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew "L-UE u l-Aġenda 2030: it-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-SDGs"⁵ adottata fil-25 ta' Ottubru.

It-tisħiħ tal-lokalizzazzjoni tal-Aġenda 2030 fil-livell internazzjonali

- (7) *JENFASIZZA* li filwaqt li l-SDGs huma globali, il-kisba tagħhom tiddependi fuq kemm dawn isiru realtà fil-bliet, l-irħula, fiż-żoni rurali u fir-reġjuni madwar id-dinja, billi jitmexxu s-silos fost il-livelli ta' governanza u jiżdiedu l-prattiki innovattivi. *JINNOTA* li, skont l-istimi tan-NU, aktar minn nofs il-popolazzjoni globali bħalissa tgħix f'żoni urbani, u din ir-rata hija pproġettata li tiżdied sa 70 fil-mija sal-2050. *JIRRIKONOXXI* li, filwaqt li l-bliet jipprovdu opportunitajiet għat-tisħiħ tal-iżvilupp sostenibbli u l-forniment ta' servizzi pubbliċi, l-urbanizzazzjoni rapida toħloq riskji soċjali, ekonomiċi u ambjentali li taggrava l-inugwaljanzi diġà eżistenti u l-faqar urban u, għalhekk, tirrikjedi sforzi innovattivi u akbar biex jiġi żgurat aċċess ugwali għall-akkomodazzjoni u s-servizzi bażiċi għal kulħadd, filwaqt li jissaħħu s-sinerġiji bejn iż-żoni rurali u urbani, u jiġu sfruttati l-opportunitajiet u l-ispeċifità taż-żoni rurali biex jiġu żgurati l-koeżjoni territorjali u l-iżvilupp armonizzat.

⁴ [RESOL-VII/030 L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fir-reġjuni u l-bliet tal-UE wara r-Rieżami Volontarju tal-UE u d-diskussjonijiet tan-NU tal-2023.](#)

⁵ [KESE – NAT/903 Opinijoni L-UE u l-Aġenda 2030: it-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-SDGs.](#)

- (8) *JIRRIKONOXXI* li l-proċessi ta' Lokalizzazzjoni tal-SDGs jirrikjedu sjieda demokratika u l-għoti tas-setgħa liċ-ċittadini għall-parteċipazzjoni u passi konkreti lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, kif ukoll il-bini tal-kapaċitajiet u l-innovazzjoni fost l-atturi lokali u reġionali sabiex l-SDGs jiġu adattati għall-kundizzjonijiet u r-realtajiet lokali u jinħolqu b'mod konġunt politiki lokali robusti fit-tul biex jiġu żgurati b'liet u reġjuni aktar inklużivi, reżiljenti u sostenibbli. *JILQA'* l-enfasi tal-Koalizzjoni Local2030 tan-NU fuq il-mobilizzazzjoni ta' sħubijiet bejn diversi partijiet ikkonċernati, inkluż mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, li jikkatalizzaw approċċi inklużivi u innovattivi flimkien mat-trawwim tal-kondiviżjoni tal-għarfien u attivitajiet ta' bini tal-kapaċità mfassla apposta fost l-awtoritajiet reġionali u lokali kif ukoll għalihom. *JILQA'* wkoll il-Pjattaforma tal-G20 dwar il-Lokalizzazzjoni u l-Bliet Intermedjarji tal-SDGs (G20-PLIC) bħala spazju miftuħ, volontarju u kollaborattiv għad-djalogu bejn il-pari u l-kondiviżjoni tal-għarfien. JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu jappoġġaw dawn l-inizjattivi.
- (9) *IFAKKAR* li l-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp il-ġdid tal-2017 jistabbilixxi li l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jappoġġaw riformi fit-trasparenza, ir-responsabbiltà u d-deċentralizzazzjoni, fejn xieraq, biex l-awtoritajiet reġionali u lokali jingħataw is-setgħa għal governanza u impatt tal-iżvilupp aħjar, u biex jindirizzaw aħjar l-inugwaljanzi fil-pajjiżi⁶. *JAFFERMA MILL-ĠDID* l-impenn li jiġu appoġġati proċessi li jgħinu lill-gvernijiet reġionali u lokali jinteraġixxu u jinvolvu b'mod effiċjenti lin-nies u lis-soċjetà ċivili fl-istadji kollha tal-katina tal-politika, b'mod partikolari l-ippjanar, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, kif ukoll biex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom mal-awtoritajiet lokali u awtoritajiet reġionali oħra, inkluż permezz ta' kooperazzjoni deċentralizzata.
- (10) *JILQA'* l-progress li sar dwar l-Oqfsa ta' Finanzjament Nazzjonali Integrati (INFFs) biex tiġi implimentata aktar l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa. *JENFASIZZA* wkoll il-ħtieġa li jkomplu jiġu appoġġati l-INFFs bħala approċċ komprensiv u integrat biex jiġi mobilizzat il-finanzjament mis-sorsi kollha disponibbli inkluż il-finanzjament privat biex jintlaħqu l-SDGs u biex jingħataw kontribut għat-tisħiħ tal-koordinazzjoni bejn l-atturi rilevanti kollha involuti fil-pajjiżi sħab.

⁶ Il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, paragrafu 86 (ST 10108/17).

- (11) *JILQA'* l-istrateġija tal-Global Gateway tal-UE biex jiġu mobilizzati investimenti sa €300 biljun bejn l-2021 u l-2027, bl-għan li jiġu appoġġati wkoll il-pajjiżi sħab biex jersqu lejn l-SDGs, u b'hekk jiġu ġġenerati eżiti ta' żvilupp ġenwini u sostenibbli li jkunu ta' benefiċċju għall-komunitajiet lokali. F'konformità mal-prinċipji ta' governanza tajba u trasparenza li fuqhom huwa bbażat il-Global Gateway, daww l-aktar affettwati minn proġetti potenzjali – il-komunitajiet lokali, in-negozji u l-partijiet ikkonċernati lokali l-oħra jrid ikollhom vuċi sħiħa permezz ta' involviment sinifikanti tas-soċjetà ċivili fl-istadji kollha taċ-ċiklu ta' investiment. Ir-reġjuni u l-gvernijiet lokali, bħala l-eqreb livell ta' gvern għaċ-ċittadini, jista' jkollhom rwoli kruċjali billi jesprimu l-prijoritajiet tal-komunitajiet lokali tagħhom, speċjalment għal daww li spiss huma emarġinati jew sottorappreżentati, irawmu l-ankraġġ lokali tal-proġetti, jikkontribwixxu għat-trasparenza u r-responsabbiltà u jiffaċilitaw l-assi strateġiċi meħtieġa għall-promozzjoni ta' opportunitajiet ta' investiment għall-iżvilupp sostenibbli. Għalhekk, *JAPPELLA GĦALL*-involviment sħiħ tal-gvernijiet reġjonali u lokali u d-djalogu magħhom, flimkien mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi sħab biex jiġu żgurati s-sjeda u l-allinjament fit-tneċija u s-segwitu tal-Global Gateway permezz ta' approċċ ta' Tim Ewropa għall-aċċellerazzjoni tal-lokalizzazzjoni tal-SDGs.
- (12) JENFASIZZA r-rilevanza tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-Sistema tan-NU kollha kemm hi biex jintlaħqu aħjar l-SDGs f'sinerġija mill-qrib mal-"Aġenda Komuni Tagħna" u b'mod partikolari permezz tar-riforma tas-Sistema ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti. *JIRRIKONOXXI* l-kontribut li sar għal dan l-għan mill-Fond Konġunt tan-NU għall-SDGs, li jippermetti rispons akbar għall-SDGs fil-livell tal-pajjiż permezz ta' approċċ ta' gvern sħiħ u kollaborazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati differenti tal-iżvilupp, b'mod partikolari s-soċjetà ċivili lokali. *JILQA'* l-fatt li d-Djalogu ta' Livell Għoli bejn l-UE u n-NU għandu l-għan li jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NU għall-kisba tal-SDGs, li jinkludi d-definizzjoni ta' opportunitajiet għal involviment ta' politika konġunt u koordinat mal-gvernijiet nazzjonali u lokali kif xieraq, bħala parti mill-oġġettivi kondiviżi tagħhom għal promozzjoni konġunta u sħubijiet bejn diversi partijiet ikkonċernati. *JILQA'* l-ħidma kontinwa tal-Fond Konġunt tal-SDGs dwar il-lokalizzazzjoni tal-SDGs li ser tippermetti l-potenzjal trasformattiv tal-Aġenda 2030 permezz ta' soluzzjonijiet integrati ta' politika u ta' finanzjament fil-livelli reġjonali u lokali. *JISTIEDEN* lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkontribwixxu u jikkooperaw ma' din l-inizjattiva sabiex tiżdied il-kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-Ewropa u fil-pajjiżi sħab, biex b'hekk tiżdied l-effettività tal-azzjonijiet u l-isforzi.

Tisħiħ tal-kontribut tal-gvernijiet u r-reġjuni lokali għall-isforzi tal-UE biex jinkiseb żvilupp sostenibbli

- (13) *JAFFERMA MILL-ĠDID* li l-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE tista' tirnexxi biss jekk titwettaq fil-qafas tal-Aġenda 2030 u l-SDGs tagħha. *IFAKKAR*, f'nofs l-iskeda ta' żmien tagħha, fil-ħtieġa urġenti li jsir progress fuq approċċ integrat, strateġiku, ambizzjuż u komprensiv tal-UE għall-implimentazzjoni tal-SDGs sal-2030, kif inhu ddikjarat f'konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill. *ITENNI* wkoll l-appell tiegħu biex isir progress urġenti fl-indirizzar tal-implimentazzjoni tal-SDGs fil-livelli kollha billi ssir enfasi fuq il-lakuni u jiġu indirizzati l-interkonnessjonijiet, is-sinerġiji, il-kompromessi u r-riperkussjonijiet fl-ispiritu tal-Aġenda 2030, bħala mezz ta' aktar lokalizzazzjoni tal-SDGs, u billi tissaħħaħ il-konsistenza vertikali u orizzontali, filwaqt l-Kummissjoni li jmiss tiġi mistiedna tikkunsidra l-adozzjoni ta' strateġija komprensiva ta' implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 bħala parti mill-prijoritajiet tagħha għaċ-ċiklu politiku 2024-2029, biex isir progress fl-indirizzar tal-implimentazzjoni tal-SDGs fil-livelli kollha.
- (14) *JISSOTTOLINJA* l-impenn kontinwu tar-reġjuni u l-gvernijiet lokali għall-SDGs, u l-importanza tagħhom biex jiġi żgurat żvilupp sostenibbli fit-tul fl-Ewropa, minkejja d-diversi kriżijiet internazzjonali li qed jikkoinċidu, inkluż l-impatti tal-pandemija u l-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, kif ukoll l-isfidi li jgħibu magħhom ix-xejriet demografiċi u t-tranżizzjonijiet soċjali, ekoloġiċi u diġitali. *IFAKKAR* li, minħabba l-pożizzjoni unika tagħhom bħala l-eqreb korpi għall-entitajiet fil-livell taċ-ċittadini u ċ-ċittadini nfushom, il-gvernijiet reġjonali u lokali huma fuq quddiem nett tal-isforz biex jintlaħqu l-SDGs u fil-mobilizzazzjoni u t-tħeġġiġ tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini f'soluzzjonijiet sostenibbli, b'mod partikolari tan-nisa mis-segmenti kollha tas-soċjetà, kif ukoll biex jikkontribwixxu b'mod attiv għat-trawwim tas-sħubijiet, iwasslu informazzjoni u jespandu l-aħjar prattiki u dawk imfassla apposta. *JISTIEDEN* lir-reġjuni u l-gvernijiet lokali jkomplu u jżidu l-isforzi għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 billi jistabbilixxu strutturi ta' governanza, oqfsa strateġiċi u pjanijiet ta' azzjoni integrati adegwati, kif ukoll mekkaniżmi għal dialogu strutturat ma' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati reġjonali u lokali, inkluż it-tħeġġiġ ta' sinerġiji transfruntiera li jkollhom rwol importanti fil-promozzjoni ta' sħubijiet, kooperazzjoni u analiżijiet tranżnazzjonali tal-effetti konsegwenzjali, sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni orizzontali u vertikali.

(15) *JENFASIZZA* l-importanza li l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni (KtR) jagħti leħen lir-reġjuni u l-gvernijiet lokali ġewwa l-Unjoni Ewropea, jirrappreżenta lill-awtoritajiet lokali u reġjonali u jagħti parir lill-UE dwar leġislazzjoni ġdida li jkollha impatt fuq ir-reġjuni u l-bliet. Bl-istess mod, *JAPPREZZA* l-kontribut tiegħu għad-djalogu globali dwar l-iżvilupp sostenibbli, kif ukoll għat-tħejjija tar-Rieżami Volontarju tal-UE dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-Aġenda għall-Iżvilupp Sostenibbli tal-2030⁷ u l-preżentazzjoni tiegħu fl-HLPF tal-2023. Bl-istess mod, *JENFASIZZA* l-ħidma tal-assoċjazzjonijiet u n-networks tal-gvernijiet lokali u reġjonali fil-livelli globali, tal-UE u nazzjonali biex jappoġġaw lir-reġjuni u l-bliet fil-lokalizzazzjoni tal-SDGs, permezz tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet, it-tagħlim bejn il-pari u l-iskambju tal-aħjar prattiki, inkluż dwar l-iżvilupp u l-monitoraġġ tal-indikaturi fil-livell lokali għal traċċar ibbażat fuq l-evidenza tal-progress lejn l-SDGs. *JISTIEDEN* lill-Kummissjoni tkompli tippermetti lill-bliet u r-reġjuni jitgħallmu minn xulxin u jibbenefikaw mit-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-attivitajiet ta' tagħlim bejn il-pari fl-UE u lil hinn minnha, inkluż fil-Kumitat tar-Reġjuni u permezz tal-promozzjoni ta' inizzjattivi ta' kooperazzjoni deċentralizzata. *JISTIEDEN* lill-Istati Membri jappoġġaw inizzjattivi lokali u reġjonali, kif ukoll ifittxu modi kif jimmassimizzaw il-kamp ta' applikazzjoni u l-impatt tagħhom u jintegraw ir-rakkomandazzjoni u l-esperjenzi tagħhom fit-tfassil tal-politika fil-livell nazzjonali u tal-UE.

⁷ [COM/2023/700 final \(ST 9391/23\)](#)

- (16) *JIRRIKONOXXI* li proċess trasformattiv ta' lokalizzazzjoni tal-SDGs jeħtieġ approċċ territorjali, li jifhem it-territorju bħala ekosistema soċjali, ekonomika, ambjentali, kulturali u istituzzjonali bin-nies fil-qalba tiegħu, sabiex l-ebda post u ħadd ma jitħalla jibqa' lura, u biex jiġi żgurat li dawk li jinsabu l-aktar lura jintlaħqu l-ewwel. *IFAKKAR* li sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-koerenza tal-politiki u jiġi massimizzat l-impatt, huwa essenzjali li s-soluzzjonijiet jitfasslu apposta għall-kuntest lokali u li jiġi żgurat l-appoġġ tagħhom permezz ta' koordinazzjoni vertikali u orizzontali effettiva. Bl-istess mod, is-soluzzjonijiet lokali idealment għandhom ikunu bbażati fuq proċessi nazzjonali ta' żvilupp sostenibbli u mekkaniżmi ta' koordinazzjoni relatati, biex jiġi żgurat li jitqies il-feedback u li jiġu applikati wkoll l-aħjar prattiki applikati fil-livelli superjuri. Il-kopertura tad-dimensjonijiet differenti jitlob li jiġu identifikati u mrawma s-sinerġiji, biex l-impatti u l-interazzjonijiet jiġu kontrovalidati fuq diversi skali. Għal dan l-għan, *JENFASIZZA* l-ħtieġa għal mekkaniżmi effettivi ta' koordinazzjoni vertikali u orizzontali fil-livelli kollha tal-gvern, minn dak lokali għal dak nazzjonali sa dak Ewropew, li jiżguraw il-koerenza u t-twettiq, peress li l-indirizzar tal-isfidi multidimensjonali u globali bħall-inugwaljanzi – b'mod partikolari l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u fl-introjt – it-tibdil fil-klima, it-tniġġis u t-telf tal-bijodiversità, l-urbanizzazzjoni u l-persjonijiet demografiċi, jeħtieġ sħubijiet li jallinjaw l-oġettivi ta' politika u l-investimenti fil-livelli kollha u li jiżguraw ukoll li kemm l-ispejjeż kif ukoll il-benefiċċji tat-tranżizzjoni lejn futur aktar ekoloġiku, aktar ġust u prosperu jitqassmu b'mod proporzjonat.
- (17) *JENFASIZZA* l-appoġġ fil-livell tal-UE għall-implimentazzjoni tal-SDGs fil-livelli reġjonali u lokali permezz ta' politiki rilevanti tal-UE, bħall-Politika ta' Koeżjoni Ewropea, u permezz tal-produzzjoni tal-għarfien flimkien ma' appoġġ għall-awtoritajiet lokali u reġjonali b'rabta mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. *JAFFERMA MILL-ĠDID* l-importanza ta' inizjattivi bħall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida bħala integratur ewlieni tal-lokalizzazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, permezz tal-parteċipazzjoni lokali u demokratika u permezz tal-attivazzjoni tal-programmi tagħha, biex b'hekk tiġi sfruttata s-setgħa trasformattiva tal-kultura, il-wirt u l-kreattività għall-ġid komuni u għal futur sostenibbli. Bl-istess mod, *JENFASIZZA* l-importanza tal-Patt Ekoloġiku Ewropew biex tintlaħaq l-ambizzjoni tal-Aġenda 2030 u biex jiġu indirizzati l-emerġenza ambjentali attwali u l-mekkaniżmu ta' tranżizzjoni ġusta, biex l-ebda reġjun ma jitħalla jibqa' lura, u *JIRRIKONOXXI* li l-implimentazzjoni tiegħu teħtieġ aktar involviment tar-reġjuni u l-bliet biex jiġi żgurat li t-trasformazzjonijiet jilħqu u jimmobilizzaw liċ-ċittadini.

(18) *IFAKKAR* li l-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp Sostenibbli (PCSD) tikkostitwixxi approċċ fundamentali biex tiġi żgurata implimentazzjoni integrata, strateġika, ambizzjuża u komprensiva tal-Aġenda 2030, u hija mira tal-SDG fiha nnifisha. *JENFASIZZA* li l-progress fir-rigward tal-PCSD jitlob, minbarra l-azzjonijiet preċedenti, l-istabbiliment ta' firxa wiesgħa ta' għodod u mekkaniżmi biex jinfurmaw aħjar lill-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, li fosthom jispikkaw l-allinjament regolatorju u baġitarju mal-SDGs, kif ukoll il-kejl tal-kontribut tal-politiki għall-SDGs, filwaqt li jittieħed kont tal-kompromessi, is-sinerġiji u l-effetti konsegwenzjali. *JIRRIKONOXXI* l-passi li ttieħdu mill-Kummissjoni biex tintegra l-SDGs, b'konsistenza mar-reviżjoni tal-2021 tal-qafas ta' politika għal Regolamentazzjoni Aħjar, biex tgħin tiżgura li kull proposta leġislattiva tikkontribwixxi għall-Aġenda 2030, kif ukoll biex tivvaluta l-kontribut għall-implimentazzjoni tal-SDGs ta' kull programm individwali taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. *JIRRIKONOXXI* li inizjattivi komplementari qed jiġu implimentati wkoll fil-livell nazzjonali u internazzjonali, li jippermetti li jittieħdu deċiżjonijiet aktar orjentati lejn ir-riżultati u bbażati fuq l-evidenza. *JISTIEDEN* lill-Kummissjoni tesplora l-possibbiltajiet biex jittejjeb ir-rapportar baġitarju tagħha, bħat-traċċar tan-nefqa relatata mal-SDGs, billi testendi l-impenn li tinforma dwar l-implimentazzjoni tal-SDGs fil-programmi rilevanti kollha tal-UE, filwaqt li jitqiesu wkoll il-kompromessi, is-sinerġiji u l-effetti konsegwenzjali. *JISTIEDEN* lill-Istati Membri jkomplu jiżviluppaw u jtejbju l-allinjament regolatorju u baġitarju mal-metodoloġiji tal-SDG filwaqt li jappoġġaw u jsaħħu l-involviment tal-gvernijiet reġjonali u lokali f'dawn l-eżerċizzji, u *JISTIEDEN* lill-Kummissjoni tiffaċilita eżerċizzji ta' taġlim bejn il-pari bl-użu tal-Assistenza Teknika u Skambju ta' Informazzjoni (TAIEX), bl-involviment ukoll tal-amministrazzjonijiet pubbliċi lokali.

- (19) *JENFASIZZA* li l-PCSD teħtieġ governanza aktar inklużiva f'diversi livelli fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u teħtieġ sinerġiji fost il-politiki Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali biex tallinja ruħha aħjar mal-għanijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali rilevanti u tikkontribwixxi għalihom. Għalhekk, *JILQA' B'SODISFAZZJON* l-isforzi tal-Kummissjoni biex taħdem mar-reġjuni u l-bliet, kif ukoll mas-soċjetà ċivili, is-settur privat, l-istituzzjonijiet akkademiċi u partijiet ikkonċernati oħra, fuq ir-Rieżami Volontarju tal-UE u l-inklużjoni tal-governanza f'diversi livelli b'eżempji lokali u reġjonali konkreti. Madankollu, bil-ħsieb ta' approċċ aktar konsistenti tal-UE għall-implimentazzjoni tal-SDGs, *JAFFERMA MILL-ĠDID* ukoll l-appell lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi u tiżgura pjattaforma ta' konsultazzjoni regolari dwar l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, filwaqt li jitqiesu r-rwoli tal-KESE u l-KtR, u bl-involvement u l-impenn politiku fit-tul tal-Kummissjoni, biex tinvolvi ruħha ma' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati fil-ħidma tal-UE dwar l-SDGs, bi sħubija inklużiva u rappreżentattiva, biex tiffaċilita l-approċċ min-naħa tas-soċjetà kollha u biex issaħħaħ l-azzjoni u l-ilħuq tal-SDGs.
- (20) *JILQA' B'SODISFAZZJON* l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tinkorpora l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-SDGs rilevanti fil-qafas tas-Semestru Ewropew, li tikkontribwixxi għall-allinjament imtejjeb b'mod adatt tal-kontribut tal-politiki tal-UE u l-Istati Membri għall-Aġenda 2030, u *JTENNI* l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tikkunsidra valutazzjoni interim ta' dan il-proċess bħala kontribut għall-approċċ integrat, strateġiku, ambizzjuż u komprensiv tal-UE għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, u *JFAKKAR* fl-importanza ta' għodod antiċipatorji, bħal metodi ta' prospettiva, li għandhom jissaħħu gradwalment biex jiġu indirizzati l-isfidi u l-ostakli fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030. *JINNOTA* l-enfasi akbar tas-Semestru Ewropew fuq id-dinamika reġjonali bħala parti integrali mill-istrateġija tal-Ewropa għat-tkabbir f'allinjament mal-Aġenda 2030, u l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiffoka biżżejjed fuq il-kuntasti u r-realtajiet reġjonali, filwaqt li jinnota li s-Semestru jibqa' l-Qafas tal-UE għall-koordinazzjoni u s-sorveljanza tal-politiki fiskali, ekonomiċi u tal-impjieġ.

(21) *JAPPREZZA* l-isforzi kontinwi tal-Eurostat biex jittrasponi l-objettivi u l-ambizzjoni tal-Aġenda 2030 f'indikaturi u data sinifikattivi biex jiġi mmonitorjat il-progress tal-UE u tal-Istati Membri lejn l-SDGs, filwaqt li titqies ukoll ir-rilevanza politika tagħhom minn perspettiva tal-UE. Bl-istess mod, *JIEĦU NOTA* tar-Riżoluzzjoni VII/030 tal-KtR, li tesprimi l-importanza li l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ tal-SDGs fil-livell tal-UE jkun fihom data fil-livell NUTS-2 sabiex jiġu riflessi aħjar ir-realtà fil-prattika u d-disparitajiet u l-inugwaljanzi territorjali eżistenti fil-pajjiżi. Għalhekk, *JISTIEDEN* lill-Eurostat u lill-Istati Membri jistudjaw modi kif jespandu d-disponibbiltà ta' indikaturi u data territorjali, inkluż permezz tal-iżvilupp u l-integrazzjoni ta' sorsi ta' data innovattivi, bħal informazzjoni ġeospazjali u data ta' osservazzjoni tad-dinja, b'mod li jinqabdu l-partikolaritajiet u l-kundizzjonijiet lokali sabiex jiġi traċċat aħjar il-progress tal-SDGs fil-pajjiżi u jiġu indirizzati l-lakuni eżistenti, kif ukoll iżidu l-isforzi tagħhom biex jiżviluppaw indikaturi multidimensjonali biex ikejlu aħjar il-PCSD fil-livelli territorjali kollha. Barra minn hekk, *JISTIEDEN* lill-Eurostat jassumi rwol attiv fir-riforma mmexxija min-NU tas-Sistema tal-Kontijiet Nazzjonali (SNA) sal-2025, fejn wieħed mill-objettivi huwa li tissaħħaħ il-kapaċità tal-SNA li jissorvelja, b'mod regolari, il-progress fuq il-benesseri u s-sostenibbiltà b'mod aktar integrat, f'konformità mad-direzzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ekonomija tal-Benesseri 2019, u *JAPPELLA* lill-Eurostat biex b'mod konsistenti jiddizaggrega d-data u l-indikaturi skont is-sess.

- (22) *JILQA' B'SODISFAZZJON* l-għadd dejjem jikber ta' awtoritajiet reġjonali u lokali li jwettqu Rieżamijiet Lokali Volontarji (VLR) u Rieżamijiet Sottonazzjonali Volontarji (VSR), u l-kontribut tagħhom għat-tisħiħ tal-progress u r-responsabbiltà ġenerali tal-SDGs, li jnaqqsu d-distakk bejn l-aġendi globali u r-realtajiet lokali, u jrawmu s-sjieda ta' ċittadini fit-tweqqi tal-SDGs, bħala għodda importanti biex tiġi pprovduta valutazzjoni aktar dettaljata u bir-reqqa għall-ikkompletar tal-VNRs u għall-kondiviżjoni tal-għarfien fost il-gvernijiet lokali u reġjonali. Bl-istess mod *JIRRIKONOXXI* l-ħidma li saret miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) tal-Kummissjoni Ewropea fil-qafas tal-proġett Regions2030, li jappoġġa l-bliet fir-rappurtar dwar l-SDG permezz tal-VLR tagħhom stess u *JISTIEDEN* lill-Kummissjoni testendi l-mandat tal-JRC biex jaħdem ma' Reġjuni oħra. *JAPPELLA* lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jappoġġaw dawn l-eżerċizzji u jsibu modi biex b'mod integrat jinkluduhom u jirriflettuhom aħjar fl-eżerċizzji ta' rieżami volontarju tagħhom stess. *IFAKKAR* l-istedina lill-Kummissjoni biex tippreżenta rieżami volontarju ġdid tal-implimentazzjoni tal-SDGs mill-UE, mill-inqas darba kull erba' snin u qabel is-Summit li jmiss dwar l-SDGs. B'rabta ma' dan l-isforz, *JAFFERMA MILL-ĠDID* l-istedina lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi proċess parteċipattiv f'waqtu, miftuħ, trasparenti u f'diversi livelli għat-thejjja tar-Rieżami Volontarju tal-UE li jmiss, bl-involviment attiv tal-Kunsill u f'konsultazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati ewlenin u l-Parlament Ewropew, f'konformità mal-Linji Gwida tan-NU.
- (23) *JIRRIKONOXXI* li l-edukazzjoni u t-taħriġ huma faċilitatur ewlieni biex jintlaħqu l-SDGs u li s-settur għandu rwol kritiku fl-appoġġ liċ-ċittadini ta' kull età biex jitgħallmu dwar l-SDGs u jiżviluppaw l-għarfien, il-ħiliet, il-valuri u l-attitudnijiet meħtieġa biex jippromwovu u jmexxu 'l quddiem l-iżvilupp sostenibbli. *JINNOTA* li l-kultura qed tiġi integrata dejjem aktar fis-sistemi, il-prattiki u l-pedagoġiji edukattivi⁸, u b'hekk qed jiġi promoss l-SDG 4. *JISTIEDEN* lir-reġjuni u lill-gvernijiet lokali jkomplu jipprovdu opportunitajiet ta' tagħlim fl-Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli u ċ-Ċittadinanza Globali f'ambjenti formali, mhux formali kif ukoll informali, inkluż permezz tal-kultura.

⁸ [Report on the implementation of the resolution on Culture and Sustainable Development A/78/217](#) (Rapport dwar l-implimentazzjoni tar-riżoluzzjoni A/78/217 dwar il-Kultura u l-Iżvilupp Sostenibbli)